# Il-Forti Ricasoli fil-Kalkara fi stat dilapidat

**Duncan Brincat,**
Segretarju tal-Assoċjazzjoni Wirt il-Kalkara



Ir-ritratti f'dawn il-paġni jagħtu indikazzjoni tal-istat li jinsab fih bħalissa l-Forti Ricasoli. Ir-ritratti ttieħdu minn membri tal-Assoċjazzjoni Wirt il-Kalkara.

Jilqgħek fid-daħla storika tal-Port il-Kbir ta' Malta nsibu l-Forti Ricasoli, binja massiċċa li tokkupa medda ta' art kbira fuq l-ewwel miż-żewġ peniżoli li jiffurmaw ir-raħal tal-Kalkara.

Dan il-forti ġie mibni mill-Kavallieri tal-Ordni ta' San Ġwann bejn is-sena 1670 u 1698, fuq l-art magħrufa bħala *Punta Sottile della Rinella* biswit il-bajja li ġġib l-istess isem. Il-fortizza hija l-ikbar waħda li nsibu f'Malta u probabbilment fl-Ewropa wkoll.

## Sfond storiku

L-art li fuqha nbena l-Forti Ricasoli kienet antikament magħrufa bħala 'l-Ponta tal-Forka' u dan għaliex fuqha kienu ngħataw il-forka xi lsiera li ħadu sehem f'irvell li seħħ fl-1531 kontra l-Forti Sant'Anġlu. Fl-1602 il-Kavallieri bnew batterija nofs tond bl-isem ta' San Petronio, iżjed tard Torri Orsi, biex tkun ta' difiża għad-daħla tal-port u tarka kontra l-ilsiera li jippruvaw jaħarbu. Dan it-torri nqered fl-1821 permezz ta' maltempata, u llum fadal biss il-foss imħaffer fil-blat.

Fl-1670 il-Gran Mastru Nicolas Cotoner stieden lill-inġinier militari Antonio Maurizio Valperga biex jagħti xi pariri tekniċi dwar id-difiża tal-gżira. Hu ddisinja forti fuq l-ewwel peniżola tal-port, dak li eventwalment sar il-Forti Ricasoli. Il-Kavallier Fra Giovanni Francesco Ricasoli, minn Firenze, ta donazzjoni ta' 20,000 skud biex jinbena l-forti, u għalhekk issemma għal ismu. L-ewwel ġebla tqiegħdet fil-15 ta' Ġunju 1670, filwaqt li fl-1681 l-inġinier Carlos de Grunenbergh għamel xi tibdiliet fid-disinn oriġinali.

Il-Forti Ricasoli kien mitmum u armat f'Mejju 1698. Minbarra s-swar u l-bastjuni li jdawruh, ġewwa fih inbnew il-kwartieri tas-suldati, kif ukoll Knisja ddedikata lil San Nikola. Maż-żmien saru diversi tibdiliet oħra fil-binja tal-forti, fosthom dawk proposti mill-inġinier Jacop de Puigirand de Tigné fl-1722. Madankollu għal nofs is-seklu 18, minħabba l-kobor tiegħu, il-forti diġà kien fi stat ħażin u għalhekk sarlu xi restawr fl-1761.

Il-Forti Ricasoli għadda minn stejjer differenti, speċjalment matul ħakkiema differenti. Fost dawn ta' min isemmi li fl-invażjoni Franċiża, il-forti żamm iebes kontrihom sakemm kellu jiġi mgħoddi lil Napuljun. Min-naħa l-oħra, meta l-Maltin qamu kontra l-Franċiżi, il-forti baqa' f'idejn il-ħakkiema. Għamel żmien jintuża ukoll bħala ħabs, tant li Mikiel Anton Vassalli kien ġie maqful ġo fih. Fl-1807 ġewwa l-Forti Ricasoli seħħet ir-rewwixta tar-Riġment Froberg, suldati Albaniżi li splodew il-porvlista u għamlu ħafna ħsara.

Fis-snin 20 tas-seklu 19, il-forti ntuża wkoll b'mod temporanju bħala sptar navali qabel ma nfetaħ uffiċjalment l-Isptar Bighi, filwaqt li waqt l-imxija tal-kolera tal-1837 l-anzjani rikoverati fl-*Ospizio* tal-Furjana ġew meħuda fil-Forti Ricasoli fejn mietu kważi kollha u ġew midfuna fiċ-Ċimiterju ta' Wied Għammieq. Kellu sehem importanti matul it-Tieni Gwerra Dinjija, iżda ġarrab bosta ħsarat fosthom fl-entratura prinċipali tiegħu u d-Dar tal-Gvernatur li baqgħet qatt ma nbniet.

Fl-1964 il-forti għadda f'idejn il-Gvern Malti fejn, wara li għall-bidu ġie abbandunat, beda jintuża bħala maħżen għall-*containers* kif ukoll bħala faċilità għat-tindif tat-tankijiet marittimi. Il-Forti Ricasoli ntuża f'diversi okkażjonijiet bħala sit għall-ġbid ta' films minn kumpaniji internazzjonali. Fost dawn insemmu films kbar bħal *Gladiator* (2000), *Troy* (2004) u *Agora* (2009).

## Il-Forti llum

Għalkemm parti kbira mill-binja tinsab prattikament intatta, il-Forti Ricasoli jinsab fi stat dilapidat. Sfortunatament, il-peniżola, kemm minħabba l-pożizzjoni ġeografika kif ukoll il-kompożizzjoni tagħha, tinsab mhedda kontinwament minn erożjoni kostali tant li xi swar u art fuq in-naħa ta' barra waqgħu fil-baħar.

Dan minbarra li l-binjiet kollha li jinsabu fiha huma mitluqa, fi stat ta' deterjorazzjoni kbira bi wħud minnhom imġarrfa kważi kompletament. Għalkemm maż-żmien saru xi tentattivi żgħar biex isir xi restawr, dan kien wieħed minimu u li ma ħalla l-ebda effett.

Fl-2017 Duncan Brincat, wieħed mill-membri fundaturi tal-Assoċjazzjoni Wirt il-Kalkara, beda petizzjoni *online* biex issir pressjoni għal restawr imminenti tal-Forti Ricasoli. Fi ftit xhur din il-petizzjoni ġiet iffirmata minn iżjed minn 5,000 ruħ. Matul l-istess sena twaqqfet l-Assoċjazzjoni Wirt il-Kalkara bħala għaqda volontarja u awtonoma, bil-membri fundaturi jkunu: Ivan Cauchi, Duncan Brincat, Josette Deguara, Nathalie Seguna, Etienne Camilleri, Rose Darmanin u Omar Scicluna.

għal paġna 7



# L-Appell tal-Assoċjazzjoni Wirt il-Kalkara

minn paġna 6

L-għanijiet tal-Assoċjazzjoni huma diversi, iżda konnessi prinċipalment mal-Kalkara. Fost dawn ta' min isemmi:

- Il-ħarsien u t-tisħiħ tal-identità soċjali, kulturali, artistika, reliġjuża u tradizzjonali tal-Kalkara u dan billi twassal għarfien b'mod lokali, nazzjonali u anki internazzjonali permezz ta' metodi differenti.
- Attivitajiet immirati għall-pubbliku b'għan edukattiv.
- Immaniġġjar u finanzjament ta' proġetti ta' tisbiħ fl-imkejjen u fil-binjiet ta' natura pubblika fil-Kalkara, liema proġetti jinkludu inizjattivi ġodda u restawr ta' affarijiet eżistenti.
- Għajnuna lill-għaqdiet tal-lokalità fl-avvenimenti tagħhom u fil-proġetti li dawn ikollhom minn żmien għal żmien skont l-eżiġenzi tagħha.

Ċertament li wieħed mill-akbar appelli li għamlet l-Assoċjazzjoni Wirt il-Kalkara matul dawn l-aħħar xhur kien dwar ir-restawr meħtieġ u r-riġenerazzjoni tal-Forti Ricasoli. L-Assoċjazzjoni temmen bis-sħiħ li fl-istat preżenti li jinsab fih il-forti, ma tantx se jifdal snin jitgawda fid-daħla tal-Port il-Kbir. Matul l-aħħar xhur l-Assoċjazzjoni Wirt il-Kalkara ħejjiet u ppreżentat rapport dwar il-Forti Ricasoli lill-ogħla awtoritajiet fosthom lill-Prim Ministru ta' Malta. Fost l-oħrajn l-Assoċjazzjoni għamlet xi rakkomandazzjonijiet dwar il-Forti Ricasoli, li qed jiġu riprodotti hawnhekk:

> Il-Forti Ricasoli jeħtieġ attenzjoni imminenti: dak li mhux ser nieħdu ħsiebu llum, ser nitilfuh darba għal dejjem, u diżgrazzjatament Malta tkun tilfet teżor.

- Għalkemm l-għajta ġenerali hija dik li l-Forti Ricasoli għandu bżonn programm ta' restawr, bħala Assoċjazzjoni nemmnu li għandu jsir pjan *long-term* li jikkonsidra prijoritajiet, opportunitajiet u anki l-investiment finanzjarju meħtieġ li hu estensiv minħabba d-daqs tal-forti u n-nuqqas ta' manutenzjoni matul diversi snin. Nemmnu li l-aħjar deċiżjoni ekonomika hi dik li jsiru xogħlijiet ta' emerġenza, bl-għan tagħhom ikun dak li jnaqqas il-periklu preżenti li jeżisti lill-istrutturi tal-forti kif ukoll li jirrestawra dawk il-binjiet li jinsabu fi stat ħażin ħafna.
- L-akbar sfida li għandu l-Forti Ricasoli hija l-qawwa tal-baħar fuq iż-zona ta' barra, li fil-fatt irriżultat f'ħofra kbira fil-blat u fis-sur numru 4. Din l-erożjoni fl-art tal-istess forti qed tikber ġurnata wara l-oħra, speċjalment minħabba l-fatt li l-binja kollha tinsab fuq *fault line* li qed twassal biex il-peniżola tispiċċa maqsuma minn nofs. L-Assoċjazzjoni qed tipproponi li jsir rapport tekniku li jinkludi qiegħ il-baħar, il-formazzjoni preżenti, kif ukoll proposti ta' kif jista' jitnaqqas l-impatt tal-baħar fiz-zona (bħall-bini ta' *breakwater* jew *reef* artifiċjali kif ġara barra minn xtutna).
- Sadanittant qegħdin nipproponu li jsir restawr fuq il-Knisja ta' San Nikola u fuq il-Bieb prinċipali. Dawn huma żewġ binjiet importanti ħafna fil-Forti Ricasoli, iżda li għandhom bżonn attenzjoni b'mod imminenti.
- Fl-istess ħin nemmnu li għandu jsir sforz ġenwin biex jinġabru r-rapporti u l-proposti kollha li saru fil-passat dwar ideat differenti ta' kif għandu jintuża l-Forti Ricasoli. L-Assoċjazzjoni Wirt il-Kalkara temmen li l-forti għandu bżonn jiġi restawrat, iżda nemmnu wisq iżjed bis-sħiħ li għandu jinstablu użu adegwat biex jinżamm ħaj u mantnut kif meħtieġ.
- La darba jsiru l-interventi meħtieġa, nipproponu li tiġi riattivata s-sottomissjoni li kienet saret lill-UNESCO biex il-fortifikazzjonijiet tal-Port il-Kbir isiru *World Heritage Site*. (*Knights' Fortifications around the Harbours of Malta*, 1998, referenza 982).

Il-Forti Ricasoli jeħtieġ attenzjoni imminenti: dak li mhux se nieħdu ħsiebu llum, se nitilfuh darba għal dejjem, u diżgrazzjatament Malta tkun tilfet teżor.





